MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-5 ta' Awwissu, 2003

Appell Kriminali Numru. 56/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

*- omissis -*

**Jon Lawrence Formosa**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Frankie Pace u Jon Lawrence Formosa talli f’dawn il-Gzejjer, fix-xhur ta’ bejn Ottubru 1999 u Frar 2000 u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi

(1) ghamlu falsifikazzjoni f’att awtentiku jew pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet,

disposizzjonijiet, obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe` ghamlu falsifikazzjoni tal-firma ta' Tommi Magrin, u ta' persuni ohra fuq cekkijiet tal-Bank of Valletta, u aktar talli xjentement ghamlu uzu mill-istess skritturi jew kitba falza u dan bi ksur tal-Artikoli 183 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) iffalsifikaw cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra u cioe` cekkijiet tal-Bank of Valletta fuq l-akkont ta' Marketing Services u ta' M. Attard u persuni ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista jircievi bih hlas jew jiehu kunsinja tal-oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn Banek jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, u aktar talli ghamelu uzu mill-istess karta msemmija, u dan bi ksur tal-Artikoli 167 u 169 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(3) b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghelu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh ta' Lm215.46 bi hsara ghal Marketing Services Limited, Bank of Valletta, Daily Needs, Tommi Magrin u persuni ohra u dan bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309 u 310(1)(b) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(4) u talli xjentement laqghu ghandhom jew xtraw affarijiet misruqa. mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex immexuhom jew ibieghuhom bi ksur ta' l-Artikolu 334 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(5) Jon Lawrence Fromosa wahdu kien akkuzat ukoll talli kiser il-provedimenti ta' l-Artikolu 9, Kapitlu 152, fuq sentenza tal-Qorti tal-25 ta' Novembru, 1999;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta' Marzu 2003, li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni ta' Jon Lawrence Formosa registrata fl-udjenza tal-15 ta' Marzu, 2002, sabet lil imsemmi Jon Lawrence Formosa

mhux hati skond ir-raba’ imputazzjoni u lliberatu minnha, izda sabitu hati skond l-imputazzjonijiet l-ohra dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghall-piena ta’ prigunerija ghal zmien dsatax (19) il-xahar;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Jon Lawrence Formosa, minnu prezentat fil-1 ta’ April, 2003, li permezz tieghu talab ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza riferibbilment ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-29 ta’ Lulju, 2003; semghet ukoll lill-Ufficjal tal-*Probation* Marietta Lanzon fl-istess udjenza; ikkunsidrat:

Mill-kumpless tal-provi jirrizulta li f’xi zmien bejn Ottubru 1999 u Frar 2000 l-appellant, flimkien ma’ persuna ohra, iffalsifika u sarraf zewg cekkijiet ghall-ammont totali ta’ mitejn u hmistax-il lira u sitta w tletin centezmu (Lm215.36). Jirrizulta wkoll li bejn wiehed u iehor fl-istess periodu huwa kien jabbuza mid-droga, u effettivament qabel ma bdew il-proceduri odjerni fis-17 ta’ Ottubru, 2000[1], l-appellant kien diga nstab hati ta’ pusses illegali ta’ valium b’sentenza tal-25 ta’ Novembru, 1999 u kien tqieghed taht Ordni ta’ *Probation* ghall-periodu ta’ sena. Wara li bdew il-proceduri odjerni u fil-mori taghhom l-appellant instab hati li fit-tlett xhur qabel l-10 ta’ Settembru, 2000 huwa kellu fil-pusses tieghu id-droga erojina bi ksur tal-ligi (kif ukoll li kiser l-Ordni ta’ *Probation* impost bis-sentenza tal-25 ta’ Novembru, 1999) u b’sentenza tal-15 ta’ Lulju, 2002 gie kkundannat multa ta’ mitt lira u rega’ tqieghed taht Ordni ta’ *Probation* din id-darba ghal sentejn.

L-ewwel qorti, fis-sentenza taghha appellata, irrimarkat li Formosa kien qed jinstab hati wkoll li kiser l-Ordni ta’ *Probation* impost bis-sentenza tal-25 ta’ Novembru, 1999.

[1] F’din id-data proprjament ma sar xejn ghax l-imputati ma deherux u l-Pulizija Ezekuttiva ma pproducietx id-debiti riferti. Fl-udjenza ta’ wara, 30 ta’ Novembru, 2000 il-ko-imputat l-iehor, Frankie Pace, ma deherx izda gie pprezenta certifikat mediku, u ghalhekk il-proceduri kellhom jergghu jithallew ghall-25 ta’ Jannar, 2001 meta effettivament ir-rapport gie mahluf mill-ufficjal prosekutur u bdew jinstemghu il-provi.

Evidentement hawnhekk l-ewwel qorti zbaljat, ghax il-ksur tal-Ordni ta’ *Probation* tal-25 ta’ Novembru, 1999 kien diga ttiehed in konsiderazzjoni fis-sentenza tal-15 ta’ Lulju, 2002. Dak li evidentement gara hu li meta l-ewwel qorti giet biex taghti s-sentenza appellata, hadd ma gibed l-attenzjoni taghha ghal din is-sentenza ta’ Lulju, 2002.

L-appellant jikkontendi, bazikament, li llum huwa gheleb il-problema tad-droga li kellu, li ghamel progress konsiderevoli fir-riabilitazzjoni tieghu, li ghandu impieg stabbli, u li tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz *de quo* – inkluz il-fatt li huwa rrifonda l-flus li kien kiseb illegalment kif ukoll il-fatt li l-ammont ta’ flus kien relattivament zghir – kien ikun aktar indikat li huwa jithalla jkompli jaghmel progress fit-triq li qabad milli jigi inkarcerat. Din il-Qorti, wara li semghet lill-Ufficjal tal-*Probation* Marietta Lanzon li spjegat il-kambjament enormi li l-appellant ghamel minn sena ‘l hawn, u wara li hasbet fit-tul, sejra taghti l-ahhar cans lill-appellant. Il-Qorti taghmilha cara lill-appellant, pero`, li dan ma jfissirx li periodikament huwa jista’ jikser il-ligi – f’affarijiet kbar jew zghar – u wara jidher quddiem il-Qrati ta’ Gustizzja Kriminali u jitlob il-klemenza. Jekk l-appellant jerga’ jikser il-ligi ghandu jkun preparat li jiffaccja l-konsegwenzi normali ta’ tali ksur, u cioe` il-pieni – inkluza l-piena karcerarja – stabbiliti fil-ligi.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f’dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant ghall-piena ta’ dsatax-il xahar prigunerija u minflok, wara li rat l-Artikolu 7(2) tal-Kap. 446, tqieghed lill-appellant Jon Lawrence Formosa taht is-sorveljanza ta’ Ufficjal tal-*Probation* skond l-Ordni anness ma’ din is-sentenza ghall-periodu ta’ tlett snin mil-lum. Ghal kull buon fini qed jigi dikjarat li qabel ma sar l-Ordni msemmi din il-Qorti ottemperat ruhha ma dak kollu rikjest skond is-subartikolu (7) tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446.

Tordna li kopja ta’ l-imsemmi Ordni tinghata minnufih lill-imsemmi Jon Lawrence Formosa u lid-Direttur tas-Servizzi ta’ *Probation*.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------